**Diskors tal-Imħallef Grazio Mercieca fl-ewwel seduta tiegħu miżmuma fit-12 t'Ottubru 2018.**

Eċċellenza Tiegħek  President tar-Repubblika
Onorevoli Ministru tal-Gustizzja,
Onorevoli Ministru Jose` Herrera,
Membri parlamentari
Sinjurija Tiegħek Prim Imħallef,
Sinjuri Imħallfin u Maġistrati,
Sur Avukat Generali,
Sur President tal-Kamra tal-Avukati,
Sur Direttur Ġenerali tal-Qorti
Mistidnin distinti, kollegi u ħbieb.

Qabel xejn nixtieq nirringrazzja lill-avukat Dottor George Hyzler, President tal-Kamra tal-Avukati għad-diskors tiegħu. Napprezza ferm l-awguri u s-sentimenti sbieħ tiegħu. Nifraħlu tal-ħatra tiegħu bħala Kummissarju Parlamentari għall-Istandards, maqbula mill-membri kollha tal-parlament. M'hemm l-ebda dubbju li Dr. Hyzler, bl-esperjenza politika li għandu, u bl-integrita` tiegħu, huwa l-persuna idejali f'kariga li l-għan tagħha hu li tkompli tissaħħaħ il-governanza u transparenza fil-pajjiż billi tevaluwa każijiet ta' ksur ta' etika fost il-membri tal-leġislatura. Huwa unur mhux biss għal Dr Hyzler, imma għall-avukatura kollha kemm hi li tul dawn l-aħħar snin irrappreżenta b'tant impenn u passjoni.

## Esperjenzi ta' ġudikant

Iktar milli bħala unur, inqis l-elevazzjoni tiegħi għall-bank tal-ġudikatura bħala opportunita` li nservi lil pajjiżi billi napplika l-liġijiet tiegħu b'imparzjalita`, ġustizzja u ekwita`. Din mhix l-ewwel esperjenza tiegħi

ta' ġudikant billi fil-passat servejt ta' Kummissarju għall-Ġustizzja; Ġudikatur tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar f'Għawdex; arbitru fil-qasam tal-kolliżjonijiet awtomobilistiċi, Maġistrat, u xogħol ieħor relatat, bħal dak ta' *court attorney.*

**Żviluppi leġislattivi**

Ir-rwol ta' mħallef illum huwa ferm differenti minn dak li kien sa ftit għexierem ta' snin ilu, meta b'mod ġenerali kull ma kien jagħmel hu li japplika l-liġi pożittiva. Bl-introduzzjoni tad-diversi kostituzzjonijiet li kellu pajjiżna, li kienu jinkludu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ir-rwol tal-imħallef ma baqax sempliċiment dak li jiġġudika l-kontroversja miġjuba quddiemu billi japplika n-norma pożittiva dettata mil-leġislatur; imma wkoll li jiġġudika n-norma nnifisha fid-dawl ta' prinċipji legali ġodda superjuri – u spiss differenti – minn dawk dettati mil-leġislatur, u li jinvolvu bilanċ bejn l-interess kollettiv u dak tal-individwu – bilanċ li ta' spiss l-imħallef ikollu jsib hu, waħdu, armat biss bi ftit prinċipji ġenerali. It-tkabbir bla preċedent fl-istorja tal-burokrazija fisser ukoll li l-imħallef tallum irid iservi ta' salvagwardja biex is-setgħa amministrattiva timxi fil-parametri mhux biss tal-liġi imma wkoll tar-raġuni sabiex ma tgħaffiġx għal kollox liċ-ċittadin. Illum dħalna f'fażi ġdida, fejn l-imħallef irid jinterpreta l-prinċipji ġodda neo-liberali li nsibu f'testi sovranazzjonali, bħad-dritt Ewropew.  Anke hawn, ta' spiss huwa l-imħallef, u mhux it-testi normattivi, li jindividwaw u jsawwru l-kontenut tad-dritt.

F'din it-taħdita tallum, iżda, nixtieq nagħmel enfażi fuq it-tibdil tar-rwol tal-imħallef minn angolu differenti minn dak li għadni kif semmejt; billi niffoka fuq problema li tinstab mifruxa mal-maġġoranza tal-pajjiżi tad-dinja – dik tad-dewmien fis-smiegħ tal-kawżi.

**Il-problema tad-dewmien**

Il-ġustizzja tinħtieġ proċess profond u innovatur, imfassal skont strateġija li taħseb għall-futur, għaliex is-sistema ġudizzjarja hija mekkaniżmu li qiegħed hemm sabiex jekwilbra l-kontroversji u b'hekk iġib lura s-saltna tal-liġi fejn din tiġi mwarrba. Huwa għalhekk li dan il-mekkaniżmu huwa fdat f'idejn organu indipendenti u mparzjali, li jiggarantixxi r-regoli tal-konvivenza ċivili u l-kredibilita` tal-istituzzjonijiet demokratiċi nfushom.

Il-perjodu li matulu nista' nservi f'din il-kariga huwa wieħed qasir. B'danakollu, matul il-ftit taż-żmien disponibbli għalija bi ħsiebni nħalli bħala l-impronta partikolari tiegħi l-ipproċessar spedituż tal-kawżi u l-għoti tas-sentenzi. Hekk għamilt snin ilu meta kont Ġudikant fit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar f'Għawdex, fejn kont naqta' l-kawżi f'temp ta' ftit ġimgħat; u riċentement bħala Maġistrat fejn minkejja li kelli assenjati lili tlett distretti, il-kolliżjonijiet, u kawżi ċivili, u writt *backlog* konsideroli ta' kawżi, irnexxieli nelimina l-*backlog* kollu u nisma' u naqta' fil-pront il-kawżi kollha ġodda li kienu jidħlu. Jekk jirnexxili nagħmel dan, erba' snin oħra nkun nista' nirtira mix-xogħol b'serenita` u bis-sodisfazzjon li kont qaddej fidil tal-ġustizzja.

Kull min, minkejja l-progress li sar fil-qasam tal-ġustizzja f'dawn l-aħħar snin, ingidem mid-dewmien tal-kawża tiegħu, irid jifhem li din mhix problema ta' Malta biss: hemm il-perċezzjoni mifruxa li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja mhix taqdi biżżejjed il-ħtiġijiet tal-komunita`. Din il-perċezzjoni nsibuha f'pajjiżi u kulturi differenti,

kemm dawk li għandhom is-sistema Ngliża tal-*common law* kif ukoll dawk li jħaddmu s-sistema tad-dritt ċivili ċjoe dak kontinentali. Minħabba f'hekk, **Adrian Zucherman**, li ġabar kontribuzzjonijiet minn għadd ta' pajjiżi dwar din il-problema, wasal biex jikteb li *"it is no exaggeration to say that many systems of justice experience a crisis of some kind".*[1]

## Tlett metodi kif tagħmel ġustizzja

M'hemmx dubbju illi kull sistema ta' proċedura tipprova tagħmel ġustizzja; u illi sistemi differenti ta' proċedura jimpjegaw metodi differenti biex jilħqu dan il-għan. Fil-verita`, il-metodi differenti li jintużaw m'huma xejn għajr il-frott ta' differenzi fil-prijoritajiet li jwasslu għat-tlett dimensjonijiet li Zucherman identifika li jservu ta' qafas għal kull sistema ta' proċedura: l-ewwel, ir-rettezza tas-sentenzi; it-tieni, l-ispejjeż kemm għall-Istat kif ukoll għal-litigant; it-tielet, iż-żmien li tieħu l-kawża.[2]

Fil-prattika, mhux biss mhux faċli li xi waħda minn dawn it-tlett dimensjonijiet tista' tintlaħaq perfettament, imma t-tlett dimensjonijiet m'huma qatt kompatibbli għal kollox ma' xulxin, b'mod li jrid jintlaħaq kompromess bejniethom. Bħal kwalunkwe kompromess ta' din ix-xorta, ċerti aspetti tal-ġustizzja jbatu filwaqt li oħrajn igawdu skont l-arranġamenti proċedurali li jintużaw: biżżejjed jingħad li biex issir ġustizzja bilfors irid ikun hemm ċertu dewmien; u bilfors ikunu nvoluti ċerti spejjeż.

---

[1] Adrian A.S. Zucherman, Civil Justice in Crisis – Comparative Perspectives of Civil Procedure, Oxford University Press, 1999, Preface

[2] ibid. paġna 1

Dawk li jaħsbu li kull ma jgħodd hu li sseħħ ġustizzja fil-mertu jassumu li, sakemm il-Qorti tagħti sentenza li tkun skont il-fatti u l-liġi, il-ġustizzja tkun twettqet. Iżda hemm il-fatturi l-oħrajn li semmejt li jgħoddu wkoll. Id-dewmien jista' jkun tali li jisraq lis-sentenza minn kull siwi prattiku. Spejjeż għoljin jikkonvinċu lil bosta nies biex ma jfittxux il-Qrati għall-ħarsien tad-drittijiet tagħhom; u mqar dawk li jibdew kawża spiss ikunu mġiegħlha jirtiraw minnha bi ftehim sfavorevoli għalihom. Litiganti sinjuri jkunu f'qagħda li jisfurzaw id il-litigant normali li jċedi taħt il-pressjoni tal-ispejjeż. Il-filosofija tal-ġustizzja fil-mertu akkost ta' kollox tiċħad l-aċċess għall-ġustizzja lil sezzjoni kbira tal-popolazzjoni.

**L-impatt tal-proċedura orali**

Id-dewmien idgħajjef saħansitra is-siwi tal-ġustizzja fil-mertu: il-mogħdija taż-żmien iġġib magħha nuqqas ta' memorja fix-xhieda. Is-smiegħ tal-kawża, li minflok ikun ikkonċentrat fi ftit seduti viċin xulxin, jinfirex tul għadd ta' snin, inaqqas mill-koeżjoni tal-kawża u jnaqqas ħafna mill-impatt tal-oralita`: ikun diffiċli għall-imħallef jiftakar il-komportament ta' xhud wara li jgħaddu s-snin: jekk jibqa' l-istess imħallef!

Id-dewmien huwa fih innifsu travestija tal-ġustizzja; huwa saħansitra ksur tad-dritt fundamentali li litigant jingħata smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli; minħabba d-dewmien, litigant jidħol il-Qorti biex isewwi inġustizzja u minflok jiġri hekk, isofri inġustizzja oħra mill-istess Qorti li qiegħdha hemm biex ittemm it-tilwimiet li tabilfors jinqalgħu fis-soċjeta`.

Id-dewmien fil-kawżi jista' jġib il-ħarsien ġudizzjarju tad-drittijiet bla snien, ibaxxi s-siwi tal-jeddijiet, jeffettwa ħażin l-attivita` ekonomika, u jġib *economic distortions* fis-suq. Il-ħeffa fit-tħaddim tas-sistema ġudizzjarja hija indispensabbli biex tingħata dik iċ-ċertezza u garanzija li tinħtieġ l-attivita` imprenditorjali biex tinżamm il-kompetittivita` tal-ekonomija tagħna.

Il-filosofija kontemporanja tal-proċedura, li hija waħda ta' ġustizzja distributtiva, hi li jinstab bilanċ bejn it-tlett dimensjonijiet tal-ġustizzja li għadni kif semmejt: ir-rettezza tas-sentenza; l-ispejjeż, u d-dewmien. Qabel xejn, din il-filosofija taċċetta li r-riżorsi għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja għandhom il-limiti tagħhom, l-istess bħalma huma r-riżorsi disponibbli għal servizzi pubbliċi oħrajn. Għalhekk dawn ir-riżorsi jridu jiġu mqassma fost dawk li jinħtieġu jew ifittxu l-ġustizzja. Dan it-tqassim irid iqis il-karattru ta' każijiet individwali, b'mod li kull każ ma jixrobx iktar minn allokazzjoni raġonevoli ta' ħin u attenzjoni tal-Qorti. Hawn jidħol il-kunċett tal-proporzjonalita`. L-investiment ta' ħin u spejjeż irid ikun raġonevolment relatat mad-diffikulta`, komplessita`, valur u importanza tal-każ partikolari.

## Malta

Is-sistema tal-proċedura ċivili tagħna tappartjeni għall-familja hekk imsejjħa "imħallta" għaliex għandha elementi ġejjin minn sorsi varji bħal-liġi ta' Sqallija, il-liġi Kanonika, u l-*common law* Ingliża.[3] Per eżempju, l-forom u l-istituti tal-proċess ġudizzjarju tagħna għandhom it-timbru tal-liġi kontinentali. Min-naħa l-oħra, il-*law of evidence* hija

[3] ara fost ħafna oħrajn Kevin Aquilina, The Nature and Sources of the Maltese Mixed Legal System: A Strange Case of Dr. Jekyll and Mr. Hyde? Ippubblikata fil-Comparative Law Review, Vol. 4

bbażata fuq is-sistema Ngliża. B'danakollu, għalkemm din tal-aħħar tesiġi li s-smiegħ ikun kontinwu u kkonċentrat aktarx f'seduta waħda jew tnejn, hija d-drawwa fostna li s-smiegħ jieħu s-sura ta' sensiela ta' episodji, mifrux fuq għadd kbir ta' seduti u li jitwal għal xhur u snin; qishom telenovela tal-ħabba gozz imġebbda interminabilment.

Il-Qrati tagħna għandhom tradizzjoni antika u qawwija ta' trattazzjoni tal-kawżi bil-miktub; il-kodiċi ritwali tagħna, għalkemm juża estensivament forom u istituti proċedurali kontinentali, misluta mill-kodiċi ta' proċedura Franċiż tal-1806, huwa ispirat, f'dik il-parti tiegħu li titratta s-smiegħ tal-kawżi, mis-sistema Ingliż, li jagħmel enfasi fuq l-oralita` u allura l-konċentrazzjoni tas-smiegħ tal-kawżi f'seduta waħda jew tal-inqas ftit seduti viċin xulxin. Huwa sinifikanti ħafna dak li għandu xi jgħid ir-**Rapport tal-Permanent Law Reform Commission tal-1993** dwar l-oralita` u l-konċentrazzjoni tal-proċeduri: "*These are traits which the Commission feels are of vital importance to Maltese procedure and are to be preserved and retained. The oral characteristics of the procedures have in a small part contributed to the simplicity and intelligibility of same*". [4]

Sfortunatament, il-prattiċi forensi antiki baqgħu jippersistu minkejja li kien għadda żmienhom u spiċċaw biex ħonqu r-rieda tal-leġislatur ispirata mid-dritt Ingliż. Minkejja d-disposizzjonijiet ċari fil-kodiċi ritwali tagħna, il-prattika forensi Maltija dejjem irreżistiet li jiġi mħaddem bis-serjeta' il-prinċipju tal-oralita` - li jfisser sempliċita`, ħeffa u lealta` fir-relazzjonijiet bejn l-avukati u l-imħallfin billi xaqilbet lejn il-proċess bil-miktub. Dan aktarx għaliex, kif jgħallem **Piero**

[4] Permanent Law Reform Commission, Justice Within a Reasonable Time, Novembru 1993, Dipartiment tal-Informazzjoni, paġna 16

**Calamandrei,** l-oralita` hija l-espressjoni ta' fiduċja fejn wieħed joqgħod fuq il-kelma tal-avukat avversarju; filwaqt li l-kitba hija l-espressjoni ta' kawtela u diffidenza: *verba volant, scripta manent.*[5] Raġuni oħra hi, jirrimarka sarkasikament dan il-ġurista, li bil-kitba jiġu ppreżentati ċerti sottomissjonijiet li l-avukat jistħi jgħidhom bil-fomm f'wiċċ l-imħallef! Anke l-leġislatur kellu jċedi taħt il-piż qawwi tal-kultura tas-sulluzzu: L-**artiklu 195** tal-kodiċi ritwali, li qabel kien jipprovdi li "**kawża....tibqa' tinstama' mingħajr waqfien sakemm tiġi konkluża**" u li "**kawża tista' tiġi differita f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss**" ġie emendat b'ton kważi apoloġetiku biex jaqra li kawza "**għandha tiġi deċiża kemm jista' jkun malajr**".

Matul dawn l-aħħar mitejn sena din il-prattika ssarrfet f'dewmien kroniku esaġerat tal-kawżi. Il-kodiċi ritwali tagħna, meta ġie fis-seħħ fl-1855, kien tagħna proċess ferm iktar progredit minn dawk kontinentali – kif ġustament jiftaħar **Sir Ignazio Bonavita**[6] li kien il-moħħ ewlieni fit-tfassil tiegħu. Kien biss wara l-promulgazzjoni tal-kodiċi tagħna li fil-Ġermanja u fl-Italja bdiet issir enfażi mill-ġuristi favur is-sistema ta' oralita` fil-proċedimenti. Fl-Italja spikka l-kontribut ta' **Giuseppe Chiovenda**. Madanakollu, il-prinċipju tal-oralita` xorta baqa' ma qabadx l-art fil-liġi Taljana.

## Aspetti organizzattivi

[5] Piero Calamandrei, Elogio dei Giudici, scritto da un avvocato, ir-raba edizzjoni, 1959, stampata mill-ġdid fit-2003, paġna 205

[6] ara Ignazio Bonavita, Saggio sulla Prova Giudiziaria considerata in Rapporto all'Attuale Legislazione Maltese, 1844, Introduzione; u l-istess awtur, Raccolta delle Leggi di Procedura delle Corti Superiori Ordinarie di Malta pubblicate dal 1814 al 1840, Introduzione. F'dawn iż-żewġ opri hemm spjegazzjoni tal-prinċipji tad-Dritt Ingliż kif ġew introdotti minn diversi Proklami li wara ġew inseriti fl-Ordinanza IV tal-1854 u ċjoe` l-kodiċi ritwali tagħna.

L-aspetti organizzattivi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja għandhom f'dan ir-rigward importanza fundamentali; jiżbalja min ipoġġi t-tama tiegħu biss f'titjib u tiġdid normattiv. Dan tal-aħħar irid isir bi ħsieb, biex jiġu evitati interventi diżorganiċi jew imnebbħa minn sitwazzjonijiet kontinġenti. It-tibdiliet spissi fil-kodiċi proċesswali, spiss improvviżati u teknikament insodisfaċenti, ikabbru l-kriżi tal-ġustizzja, għaliex il-proċess jinħtieġ regoli ċerti u stabbli.

Għalhekk hemm bżonn li jkun hemm qabel xejn l-aħjar użu tar-riżorsi, umani u strutturali. Min imexxi l-amministrazzjoni irid jieħu ħsieb jieħu inizjattivi u provvedimenti tajbin biex jirrazjonalizzaw ix-xogħol billi juża prattiċi li jħaffu x-xogħol (*best practices*).[7]

Mil-lat organizzattiv, fl-aħħar snin sar ħafna. Biżżejjed wieħed isemmi l-introduzzjoni tal-*court attorneys*, li qegħdin jagħmlu xogħol mill-iktar siewi minn wara l-kwinti, u ħallew il-marka tagħhom għall-ġustizzja eħfef. B'danakollu fadal ħafna xi jsir, speċjalment li jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-pagi, biex jiġu mħajjrin persuni idoneji biex jaħdmu fl-amministrazzoni tal-Qorti fi żmien meta hemm kompetizzjoni f'kull qasam biex jinstabu l-aħjar ħaddiema. Jinħtieġ ukoll li l-i*status* tal-Maġistratura jogħla u jsir daqs dak tal-Imħallfin. Ilu li għadda dak iż-żmien meta l-maġistrat kien jisma' biss talbiet żgħar fil-qasam ċivili, u kawżi minuri fil-kamp penali. Ħafna kawżi ta' dan it-tip illum jinstemgħu minn ġudikanti oħra bħall-Kummissarju għall-Ġustizzja u t-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Iktar depenalizzazzjoni tista' teħles lill-Maġistratura minn eluf ta' kawżi sommarji biex tkun tista' tikkonċentra fuq xogħol ferm iktar serju bħal inkjesti u kumpilazzjonijiet – fejn

[7] Ara Intervento del Presidente Napolitano in occasione dell'Assemblea plenaria del Consiglio Superiore della Magistratura, 22.12.2014

għandhom jingħataw iktar għodda biex jagħmlu xogħlhom b'mod iktar effettiv - u smiegħ ta' kawżi penali iktar serji.

**Din il-Qorti**

*Avviso ai naviganti*: din il-Qorti bi ħsiebha tapplika b'mod skrupluż in-normi fil-kodiċi ta' proċedura tagħna mfasslin sabiex jiġi evitat id-dewmien, partikolarment dawk li jinstabu fl-artiklu 195 tal-kodiċi ritwali u fir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati (L.S. 12.09). Regolament 10(1) jagħmar *inter alia* li "Kawża tista' tiġi differita f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss".

Il-Qorti bi ħsiebha tippjana in-numru, dati u ħin tas-seduti u l-provi li għandhom jinġiebu fihom, u fejn ikun fattibli saħansitra tagħmel *target date* għall-pronunzjament tas-sentenza.

Għalkemm dan il-punt li għadni kif semmejt jista' jinħass mhux daqstant popolari mal-avukati difensuri, u għalkemm mhux se ninsa ż-żmien meta kont avukat, u allura d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-avukati, din il-Qorti tħoss li għandha tiftaħ paġna ġdida biex il-proċess tal-ġustizzja jitħaffef kemm jista' jkun u dan fl-interess tal-partijiet u fl-aħħar mill-aħħar fl-interess tal-istess avukati.

**Ringrazzjamenti**

Nikkonkludi billi nrodd ħajr lil għadd ta' persuni li b'xi mod qsamt xi parti żgħira jew kbira ta' ħajti magħhom:

- lill-membri tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, lill-Ministru tal-Ġustizzja, u lill-Prim Ministru tal-fiduċja li wrew fija biex niġi elevat għal dan il-Bank tal-Ġudikatura.

- lill-*court attorneys*, li ħdimt mill-qrib magħhom u bħala wieħed minnhom għal żmien sena, b'mod partikolari Dr. Anna Caruana li għandha ħiliet forensiċi formidabbli u kultura kbira;

- lill-Maġistrati, li laqgħuni bħala wieħed minnhom u tawni l-appoġġ sħih tagħhom  għal dsatax-il xahar

- lill-imħallef Emeritus Philip Sciberras, għall-appoġġ u ispirizzjoni forensi tiegħu

- lill-istaff tiegħi:  Kenneth Gauci - l-ewwel deputat li kelli bħala Maġistrat; id-deputat attwali Susan Fenech, lil Marica Fenech, lill-marixxall Carmen Cutajar, lill-*court attorney*  Dr. Marie Josette Farrugia; u lil Carmen Scicluna u Marcell Bugeja tas-sezzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

- lill-ħbieb antiki tiegħi, l-imħallfin Lawrence Mintoff u Anthony Abela. l-Arbitru Finanzjarju Dottor Reno Borg u l-avukat Dr. Paul Micallef għall-appoġġ u lealta` tagħhom.

- lil ħuti Carmen u Antonia.

- lill-ġenituri tiegħi, li minkejja li ma kellhomx mezzi finanzjarji, appoġġjawni bis-sħiħ u nista' ngħid li ddedikaw ħajjithom u saħħithom biex stajt inkompli bl-istudji tiegħi.

- lit-tlett uliedi Deborah, Caroline u żwiegħom, u ibni Anton li dejjem insibhom ta' spalla fil-ħajja ta' kuljum, liż-żewġ neputijiet Leah u Gigi li jimluni bil-ferħ, u fl-aħħar u mhux l-inqas lil marti Maria li mhux biss issapportjatni, imma wkoll issaportietni bid-diversi idjosinkraziji tiegħi, matul dawn l-aħħar ħamsa u tletin sena.

Grazzi lil kull minn illum għoġbu jonorani bil-preżenza tieghu f'din is-seduta inawgurali tiegħi bhala imħallef, speċjalment l-Għawdxin li biex ġew hawn għamlu ċertu sagrifiċċju u nistidinkom għar-riċeviment fil-Kamra tal-Avukati.